**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 223/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Mifsud**

Illum, 6 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Mario Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 558361(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Diċembru 2021 u fil-jiem ta' qabel din id-data, biegħ, trasferixxa jew ikkunsinja xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Att ta'l-Armi (Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta) lil persuna li ma kellhiex liċenzja tal-Kummissarju għal dik l-arma regolari jew munizzjon skond dak l-Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' April 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5(1) tal-Kap.480, rat li ma hemmx il-livell ta' provi rikjesti fil-kamp kriminali u per konsegwenza ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ipprezentat fit-18 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tiddikjara s-sentenza appellata nulla u tipproċedi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-Liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi aggravat bis-sentenza appellata l-Avukat Ġenerali jressaq l-aggravju uniku illi l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti huma nulli, bil-konsegwenzjali nullita' ukoll tas-sentenza mogħtija mill-istess qorti u dan għaliex kien hemm inosservanza tad-dettami tal-liġi penali li jfassal l-*iter* li għandu jsewgi l-proċess kriminali. Dan seħħ, fil-fehma tiegħu, meta l-Uffiċjal Prosekutur naqas milli jaqra u jikkonferma bil-ġurament l-akkuża miġjuba kontra l-appellat, bl-Ewwel Qorti tgħaddi għas-sentenza mingħajr ma tisma' ebda prova.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi fl-uniku seduta li nżammet quddiem l-Ewwel Qorti, fis-26 ta' April 2022, kien hekk ivverbaliżżat:

> **Meta ssejħet il-kawza deher l-Ispettur Jonathan Ransley għall-Prosekuzzjoni.**
>
> **Deher Mario Mifsud li informa l-Qorti li ma għandux mezzi finanzjarji.**
>
> **Il-Qorti tappunta lil Dr Cynthia Tomasuolo, avukat tal-għajnuna legali li jmissha t-turn illum.**
>
> **Dehret Dr Cynthia Tomasuolo.**
>
> **Ma hemmx il-livell ta' provi rikjest fil-kamp penali, l-imputat ġie lliberat.**

Illi flimkien maċ-ċitazzjoni iffirmata mill-iSpettur Marshal Mallia, kienu ippreżentati ċ-ċertifikat ta' twelid tal-appellat, il-fedina penali tiegħu, rapport redatt mill-iSpettur

Marshal Mallia mibgħut lis-Supretendent tal-Iskwadra kontra d-Drogi u *affidavit* ta' PC 1397 Ludvic Farrugia.

Issa huwa l-artikolu 375 tal-Kodiċi Kriminali li jfassal l-*iter* li għandha issegwi kawża imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza oriġinali tagħha meta hemm dispost hekk:

> **375. Meta l-azzjoni hija mmexxija mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija Eżekuttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:**
> **(a) l-imputat għandu jidher huwa nnifsu. Huwa jista', madankollu, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali;**
> **(b) fil-każ ta' kontravvenzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan għandhom japplikaw fir-rigward tal-imputat;**
> **(ċ) l-Avukat Ġenerali jew l-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva li jkun qiegħed imexxi l-prosekuzzjoni u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu għandhom jinstemgħu fl-ordni stabbilita fil-paragrafu (i) tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan[1];**
> **(d) il-qorti tista' teħtieġ li l-akkużi jinqraw mill-Avukat Ġenerali jew mill-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva u li r-rapport jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva;**
> **(e) l-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija.**

Illi minn eżami tal-atti huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti ma segwietx l-*iter* imfassal fl-artikolu tal-liġi hawn fuq iċċitat bl-Ispettur tal-Pulizija li deher għas-seduta ma kienx l-Uffiċjal Prosekutur u ċioe' l-Uffiċjal tal-Pulizija li ffirma iċ-ċitazzjoni u għalhekk żgur li ma kienx ser ikun f'posizzjoni jipproċedi skont id-dettami ta'l-artikolu 375. Dan apparti il-fatt illi ma huwiex minnu dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti illi ma kienx hemm provi in atti billi kif ingħad flimkien maċ-ċitazzjoni kienu ppreżentati affidavit tal-uffiċjal investigattiv u rapport redatt mill-Uffiċjal Prosekutur dwar l-*iter*

---

[1] Artikolu 374(i) jaqra hekk:

> (i) meta jidhru ż-żewġ partijiet, it-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm, fl-ordni li ġej:
>
> > (i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;
> > (ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;
> > (iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista'jagħmel kontra-replika:
>
> Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xortaoħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża

li ħadet l-investigazzjoni minnu kondotta li allura kienet tinneċessita l-konferma tiegħu bil-ġurament.

Dan in-nuqqas, kif tajjeb jillanja l-Avukat Ġenerali, iwassal għan-nullita' mhux biss tas-sentenza appellata, iżda tal-proċeduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti, u dan għaliex huwa evidenti mill-verbal tal-kawża illi dawn il-proċeduri penali fil-fatt qatt ma raw il-bidu tagħhom għal motivi hawn fuq miġjuba.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tiddikjara il-proċeduri li seħħew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala nulli u bla effett fil-liġi, u konsegwentment tiddikjara is-sentenza appellata nulla ukoll. Wara li rat l-artikolu 428(4) tal-Kodiċi Kriminali, tibgħat l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati sabiex il-proċess penali kontra l-appellat Mario Mifsud isir mill-ġdid skont il-liġi.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**